MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1036/2004

**Belair Travel Bureau Limited**

**Vs**

**Alfred Camilleri**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta’ Mejju 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm909 (disa` mija u disa` Lira Maltin) rapprezentanti senserija.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Somma dovuta mill-konvenut rapprezentanti senserija dovuta minnu lis-socjeta` attrici ghall- kirjiet tal-fond Le Chalet, Triq is-Sliem, Santa Maria Estate, Mellieha.

Bl-ispejjes, bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali ta' Settembru 2002 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi l-ammont mitlub mhux dovut u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri:

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-azzjoni attrici tikkoncerna talba ghal hlas ta' sensarija allegatament dovuta mill-konvenut lill-istess socjeta` attrici. Jirrizulta mill-provi li kien hemm negozju bejn il-partijiet fis-sens li l-konvenut kellu dar fil-Mellieha disponibbli ghal kiri u s-socjeta` attrici kellha klienti barranin li setghu jaghmlu uzu min dan il-post tal-konvenut. Intlahaq ftehim kif redatt f'dokument esibit a Fol 12 tal-process u mmarkat DC1, fis-sens illi l-konvenut kellhu jhallas lis-socjeta` attrici *commission* ta' 10% fuq l-pagamenti li jsiru jew mis-socjeta` attrici jew mill-klienti taghhom strangieri cioe Meon Villa Holidays u Meon Travel Limited u li jispiccaw ghand il-konvenut. Dan l-arrangjament baqa jahdem sakemm effettivament inqalat kwistjoni, liema kwistjoni tirrizulta ampjament mill-affidavit prezentat sia mill-konvenut u sia minn martu esebiti a Fol 19 sat-22 tal-process.

Illi jirrizulta sia min dawn l-affidavit u sia mill-kontro ezami ta' dawn l-istess konvenuti, illi fuq l-ammont dovut u li fuqu qed jindikaw l-odjerna mill-konvenut, dana ma hemmx kwistjoni. Il-konvenut jammetti illi ghandu jaghti dan l-ammont, pero` d-diviza tieghu tikkoncerna fattur iehor, illi sussegwentement ghall-istess il-villa tieghu fil-Mellieha giet mikrija lill-klienti tas-socjeta` attrici pero` dawn ghar-ragunijiet baqghu ma hallsuhx ghax dana ovvjament kien

sar arrangjament illi l-pagament jsir direttament lill-konvenut u jinqabez b'hekk is-socjeta` attrici. Wara diversi tentattivi rrizulta illi l-klienti strangieri ma hallsux lill-konvenut peress illi ma nghatawx servizz kif suppost u ma giex provdut lilhom post ghal mistrieh taghhom peress li fil-vicinanzi, kif jigri Malta kollha fis-sajf tant ikun hemm attivita ta' kostruzzjoni illi t-turisti minflok jigu jistriehu hawn jigu aktar ghal istorbju u t-trabijiet u dawn irrifjutaw li jhallsuh. Id-difiza tal-konvenut tikkonsisti illi huwa dispost li jhallas lill-istess socjeta` attrici basta huwa jircievi l-pagament minn barra.

Jigi ribadit pero`, illi l-ammont dovut f'din il-kawza ma jifformax parti mill-ammont li gie mizmum lill-konvenut minn barra. Mill-pagamenti li kien jircievi min barra kienu jghaddu ghaxar fil-mija (10%) bhala kommissjoni lis-socjeta` attrici. Di fatti l-konvenut u l-mara tieghu jammettu illi fuq l-ammont dovut ma hemm l-ebda kwistjoni u huma kull ma jridu jithallsu tal-kiri li sar sussegwentement ghax-xoghol li kien diga mhallas min barra u allura huwa dovut lis-socjeta` attrici.

Fil-mori tal-kawza huwa rcieva pagament ammontanti ghal kwazi nofsu min dak dovut u huwa pprova jhallas lis-socjeta` attrici. Imma dawna rrifjutaw peress illi fuq dak l-ammont ma hemm l-ebda kwistjoni. Anzi korrettament tallega illi fuq l-ammont ricevut min barra jiddekorri ukoll l-ammont lilha dovut.

Jirrizulta ampjament mix-xhieda tal-konvenut u l-mara tieghu illi huwa ghandhom pendenzi mal-klienti lilhom avvicinati tramite s-servizzi tas-socjeta` attrici. Pero' il-kawza odjerna qedgha ssir mis-socjeta` attrici fil-kwalita taghha personali u mhux qed tagixxi bhala xi agent ta xi klienti barra minn Malta.

Fil-konfront tas-socjeta` attrici l-konvenut ma ghandhu l-ebda pretensjoni. Huwa semplicement prova juza l-karrotta ta' l-ammont minnhu dovut lis-socjeta` attrici sabiex jaghmel enfazi u forza fuq is-socjeta` attrici biex tintervjeni ma barra minn Malta u tiftiehem mal-klijenti.

Barra minn Malta biex dawn effettivament jhallsu lill-konvenut. Anki jekk se mai, ghandhu jigi konsiderat kif pretiz mill-konvenut fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu, prezentata fil-tletin ta’ Novembru tas-sena elfejn u hamsa (30/Nov/2005) fejn qed jippresupponi illi s-socjeta` attrici hija agent ta’ dawk il-klijenti strangieri. Jigi ribadit illi hija f’din il-materja ma ghandhiex x’taqsam. Id-diviza minnhu proposta tista tkun difiza tajba. F’ forum simili jew iehor fi proceduri gjudizzjarji, pero’ zgur mhux f’dan il-forum odjernament tat-Tribunal.

Il-kawza qed issir mis-socjeta` attrici kif gia gie ribadit di parti taghha personali u mhux in rapprezentanza ta` xi kumpanija estera. Se mai jekk il-konvenut hass li ghandhu xi dritt li ghandhu jfittex ghal xi haga u seta korrettament jfittex lis-socjeta` attrici fil-kwalita taghha bhala agent, ta` dawn il-klienti barranin u ma jistax juza dawn il-proceduri, wahda ghar-raguni li gia giet indikata aktar il-fuq, u t-tieni lanqas setgha kif korrettament ma ghamilx, illi jipprezenta kontra talba ghax il-partijiet huma totalment differenti. Li setgha facilment huwa li kien jipprezenta kawza hawn Malta kontra s-socjeta` attrici, pero’ fil-kwalita taghha bhala agent ta’ dawn il-klienti barranin.

It-Tribunal mhux ha jidhol fil-mertu, jekk il-pretensjoni tal-konvenut hijiex gustifikata jew le, dak ghandhu jsir ezercizzju gjudizzjarju separat, pero’ jsostni u hekk ghandhu jkun illi t-talba attrici hija gustifikata fil-konfront ta’ l-istess konvenut peress illi l-ammont mitlub huwa *commission* ta’ xoghol li tieghu gia thallas pjenament, kif dal resto konfermata mill-konvenut u l-mara tieghu.

Jiddeciedi ghalhekk billi jilqa` t-talba attrici, jichad l-eccezzjoni tal-konvenut u jikkundannah jhallas is-somma ta’ disa` mija u disa` liri Maltin (Lm909) bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba mill- prezentata tal- avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------